# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Carmel Vella**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta` **Carmel Vella**, karta tal-identita bin-numru 187455M fejn ġie mixli talli nhar it-18 ta' Settembru 2013 għall-ħabta ta' 14:30 ġewwa Triq il-Kubrit, salib ma Triq William Reid, il-Gżira:-

(a) Saq vettura bin-numru YSL-100 b'manjera (a) traskurata (b) perikoluża (c) u bla kont;

(b) Naqas li jieqaf meta kien hemm sinjal li jindika "Stop";

(c) talli b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tat-traffiku involontarjament ikkaġuna ħsara għad-dannu ta' Therese

Briffa skont kif ċertifikat minn Dr. D. Varonah Reg – 3433 mill-MDH;

Il-Prosekuzzjoni talbet lil Qorti sabiex tiskwalifika lill-ħati mill-liċenzi kollha tas-sewqan għal perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti, inkluż ir-relazzjoni tal-perit tekniku Mr Alec Sultana li stabbilixxa in l-vitma f'dan il-każ sofriet minn disabilita permanenti fl-ammont ta' ħamsa fil-mija (5%);

Rat il-verbal ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-13 ta' Marzu 2014 fejn minħabba li f'każ ta' ħtija l—piena kienet dak iż-żmien teżorbita l-kompetenza tagħha;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi dan il-każ jitnissel minn inċident stradali li seħħ nhar it-18 ta' Settembru 2013 għall-ħabta ta' 14:30 ġewwa Triq il-Kubrit, salib ma Triq William Reid, il-Gżira waqt li l-imputat kien qiegħed isuq il-Land Rover Defender bin-numri YSL 100 fi Triq il-Kubrit u l-imputata kienet qed

issuq il-vettura tagħha Toyota Vitz bin-numru tar-reġistrazzjoni ABT 428 fi Triq William Reid, fil-Gżira. Jirriżulta pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li waqt li l-imputat kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu hawn fuq imsemmija, baqgħa ħiereġ minn Triq il-Kubrit li fiha "stop sign" u minħabba f'hekk ħabat fil-vettura misjuqa mill-parte civile, li kienet qed issuq fi Triq William Reid li ma għandhiex "stop sign". Huwa kien obbligat li jieqaf fuq is-sinjal tal-i"Stop" u mhux sempliċiment ibaxxi l-veloċita jew saħansitra jibqa' ħiereġ. Il-Qorti tqis li huwa kien unikament responsabbli għall-dan l-inċident u b'hekk irid li jġorr il-konsegwenzi.

Minħabba dan l-inċident irriżulta li l-parte civile sofriet offiżi fuq il-persuna tagħha. Fil-proċess ġew eżibiti tliet ċertifikati mediċi (ta' Dr. Daniel Varnai (fol 5), ta' Dr. Mario Scerri (fol 13 u 15) u l-ieħor ta' Dr. Joseph Boffa (fol 19 u 20) minn fejn l-offiżi subiti jirriżultaw li huma prinċipalment ta' natura ħafifa. Mill-banda l-oħra l-perit tekniku Alec Sultana, ikkonkluda bil-ġurament tiegħu li l-offiża subita minn Therese Briffa kienet waħda ta' natura permanenti f'perċentwali ta' ħamsa fil-mija (5%) skont kif deskritt fir-relazzjoni tiegħu. Dr. Mario Scerri a fol 153 ikkonferma li l-uġiegħ soffert minn Therese Briffa, prinċipalment f'whiplash injury, kienet iddum ftit biex tfieq minnu.

*Ikkunsidrat : -*

Skont kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża ***Il-Pulizija vs. Mario Gellel***, deċiża nhar id-19 ta' Frar 2004:

> ... kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. Pul. vs Charles Bartolo, 14.3.59, Pol. vs Wilson [Vol. XXXIX iv. 1018] u Pul. vs Alfred Vella [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. Pul. vs Hardingham, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim. Pul. vs Charles Farrugia [Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. Pul. vs Joseph Aquilina, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita ssinistri stradali (App. Krim. Pul. vs Antonio Spiteri [Vol. XLIV iv. 892]).

Fil-fehma ta' din il-Qorti is-sewqan tal-imputat jikkwalifika fil-parametri tat-tifsira ta' sewqan negliġenti jew traskurat.

L-aġir tiegħu kien il-fattur li wassal għal dan l-inċident stradali. Id-Difiża targumenta li l-parte civile ikkontribwiet għall-inċident in kwantu kienet spustata aktar viċin l-imputat. Il-Qorti jidhrilha li pero dan il-fatt, anke jekk kien veru, ma kienx il-kawża unika tas-sinistru. Il-kawża għall-inċident kienet unikament attribwibbli għall-aġir inkonsult tal-imputat. Huwa jrid iwieġeb għal dan l-aġir tiegħu indipendentement minn dak li setgħa għamel ħaddieħor. Sabiex il-fattur kontributorju tat-terz jinnewtralizza r-responsabbilta' tal-imputat, dan il-fattur irid ikun dak li unikament u esklussivament iwassal għall-inċident stradali. Fil-kamp penali, in-negliġenza kontributorja ma teħlisx lis-sewwieq jekk ma

tkunx il-kawża unika tas-sinistru akkadut. F'dan il-każ ma jistax jingħad li l-azzjoni ta' Therese Briffa kienet il-kawża unika jew esklussiva tal-inċident stradali.

## ***DECIDE : -***

Li wara li rat l-Artikoli 17, 30, 31, 226(1)(a), 328(b) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll fl-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll fir-regolament 2 tal-Avviż Legali 94/69 (Leġislazzjoni Sussidjarja 65.05) tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll fl-artikoli 55(1)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta filwaqt li tiddikjara lil **Carmel Vella** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontih, tikkundannah għal multa komplessiva fl-ammont elfejn euro (€2,000).

Inoltre, fid-dawl tat-talba tal-Prosekuzzjoni għall-iskwalifika tal-liċenzji tas-sewqan tal-imputat, il-Qorti qegħda tiskwalifika lil ħati milli jkollu liċenza tas-sewqan għal perjodu ta' xaharejn millum f'nofs il-lejl.

***Mogħtija illum 5 t'Ottubru 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***